

**Brussell, 18 ta' Ottubru 2024
(OR. en)**

14180/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0237(COD)**

**CODEC 1893
STATIS 104
ECOFIN 1101**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-10 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha¹ lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 338(1) TFUE.
2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' Settembru 2023².
3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Settembru 2023³.
4. Fit-13 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament Ewropew approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu tas-7 sal-10 ta' Ottubru 2024. Din tirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-Istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 11723/23 + ADD 1-3, ADD 1 COR 1, ADD 2 COR 1.

² ĠU C, 2023/1032, 20.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1032/oj>.

³ ĠU C, 2023/1055, 20.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1055/oj>.

⁴ 14173/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 65/24.
6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
